MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2013

Numru 488/2008

Il-Pulizija

(Spetturi Geffrey Azzopardi u Nezren Grixti)

vs

Ali Fauzi Letety, u

Hiethem Mohammed Shanaisheh

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati, it-tnejn ta' nazzjonalita Libyana, titolari ta' passaport numru 099815 u 525691 rispettivament, akkuzati talli b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. fit-30 ta' Mejju 2008 u fil-gimghat ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, bil-hsieb li jghmlu xi qliegh li jkun, ghenu, assistew, taw parir jew habirku biex persuni ohra (aktar minn tlieta) jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu jew jghaddu minn jew jaghmlu tentattiv biex jghaddu minn jew jaghmlu tentattiv biex johorgu minn Malta bi ksur tal-

ligijiet ta’ Malta, jew li, sew fMalta sew barra minn Malta, ikkonguraw f’dak is-sens ma’ xi persuna ohra – bi ksur ta’ l-Artikolu 337A tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. fl-istess zminijiet u cirkostanzi, ippromovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw ghaqda ta’ zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali li ghalihom jistghu jehlu piena ta’ prigunerija ghal zmien erba snin jew aktar – bi ksur ta’ l-Artikolu 83A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ir-rinviju ghall gudizzju tal-Avukat Generali (fol.104) permezz ta’ liema u ghab-bazi tal-artikoli tal-ligi minnu hemm citati bghat lill-imputati sabiex jigu ggudikati minn dina l-Qorti;

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kawza tinstema’ u tigi deciza sommarjament;

Semghet ix-xhieda kompriz l-imputat Letety bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukat tal-imputat Letety;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonstatat li fid-9 ta’ Ottubru 2012 giet mitluba u milqugha talba tal-prosekuzzjoni ghas-separazzjoni tal-gudizzju tal-imputati stante li l-imputat ko-akkuzat Hiethem Mohammed Shanaiseheh kien irrenda ruhhu intraccjabbli;

Ikkonsiderat:

Stante s-separazzjoni tal-gudizzju dan il-gudikat qieghed isir fil-konfront tal-imputat Letety li jinsab akkuzat li dahal f’ghaqda ma’ haddiehor bil-hsieb li jitwettqu reati senjatament it-traffikar ta’ persuni sabiex jiddahlu jew jinhargu minn Malta.

Bhala fatt jinsab ippruvat li fit-30 ta’ Mejju 2008 l-imputat kien sejjer Sqallija b’vettura bi pjanci Germanizi numru UCL1681. Jinsab ukoll sodisfacjentement ippruvat li kif l-imputat tela fuq il-katamaran instab li kien hemm gewwa l-vettura misjuqa minnu zewg persuni jakkompanjawh, wiehed Sudaniz u l-iehor mill-Kosta d’Avorju, li kienu sprovisti minn biljett izda li kellhom karta ta’ identita’ Maltija ristretta ghal uzu f’Malta biss igifieri “not valid for travel”. Apparti minn hekk jirrisulta minn xhieda, senjatament dawk ta’ certi Ali Halef Attabib (fol.24), Mustafa Muktar Salem (fol 27) u Dihab Massoud Ramadan (fol 33) li l-imputat kien xtara dak in nhar stess li kellu jivvjaggja sitt biljetti, wiehed ghalih, wiehed f’isem il-mara tieghu u erba ghall-persuni ta’ nazzjonalita’ Libjana. Mill-provi jirrisulta li waqt li l-imputat u z-zewg passiggieri li kellu fil-vettura tnizzlu u gew eskortati gewwa l-Kwarieri Generali tal-Pulizija qabel ma’ salpa l-katamaran, l-erba persuni l-ohra ta’ nazzjonalita’ Libjana, gew mizmuma fuq il-vapur mal-wasla tieghu Pozallo gewwa Sqallija u migjuba lura Malta. Dwar dawn l-erba persuni nstab li kienu ghaddew ghaz-zona ristretta fis-Sea Terminal b’passaport li ma kienx intestat fuqhom igifieri kien mahrug fuq terz iehor. Dwar mart l-imputat ghalkemm kienet indikata fil-manifest tal-vapur jirrisulta li bhala fatt ma kinitx salpat mieghu. Xehdu wkoll fil-kors tal-proceduri t-tlett persuni li fuqhom kien intestat il-passaport li ntuza mill-persuni fuq imsemmija (referenza fol.114, 122 u 199). Dwar dawn il-passaporti il-fuq imsemmija, Attatib, Salem u Ramadan, stqarrew li nghatalhom mill-

imputat gewwa is-Sea Terminal qabel ma dahlu fiz-zona ristretta. Jghidu wkoll li kien l-imputat li kien wassalhom sat-Terminal ghalkemm il-fethim sar primarjament ma' l-allura ko-imputat.

L-imputat ghazel li jixhed. Ippresenta numru ta' dokumenti. Wiehed minnhom jiccertifika stat depressiv li ghadda minnhu zmien qabel il-kaz u rega immanifesta fi zmien li sehh il-kaz. Frankament, pero', il-Qorti ma tirriskontrax li  b'xi mod dawn jistghu jinfluixxu jew jinfluenzaw il-kaz kontra tieghu. Effettivament mill-atti tal-proceduri jirrisulta li l-imputat irrilaxxja stqarrija li sostanzjalment tikkorrobora l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni u anka jekk ittiehdet minghajr mal-imputat inghata d-dritt ta' assistenza ta' avukat il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz 'de quo' ghandha taghtiha l-piz taghha.

Konsegwentement, il-Qorti qeghdha tqis li l-prosekuzzjoni ippruvat il-kaz taghha. Issib l-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu b'dan li ghal dak li jirrigwardja l-Artikolu 83A (Kap 9) tqis li l-kaz hu pruvat fit-termini tas-subinciz (2) tieghu.

Ghaldaqstant: rat l-Artikolu 18, 83A, 337A, 17(b) u 31 tac-citat Kap 9. Tikkundannah multa ta' tlieta u ghoxrin elf mitejn u u tlieta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmi (23,293.73) u prigunrtija ta' tmintax il-xahar li qeghdin jigu sospizi ghal sentejn mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor f'dan il-perjodu operattiv bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Tordna l-konfiska tal-flus Dok.NG1 u tastjeni f'dan l-istadju li tordna l-konfiska tal-vettura prevja rikors appositu.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M.Trigona

Magistrat

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------